Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,312, 11 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 211 tal-2024

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Agriculture taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8(b)(v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Agriculture taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Agriculture;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Agriculture;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut tas-Sistemi Ambjentali; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2024 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università;

jew (b) ikollhom il-Pre-Tertiary Certificate in Agriculture mill-Università.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq żewġ semestri ta' studju full-time jew l-ekwivalenti ta' studju part-time.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti f'għadd ta' taqsmiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu ECTS.

6. Suġġett għal tibdliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet-studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba waqt il-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

It-Tħassir

8. L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Agriculture – Dip. Agric. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 14 tal-2005 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2024, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2024 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-Kors.